# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' l-4 ta' Mejju 2023**

**Talba nru. 116/2021**

**ELMO INSURANCE LIMITED (C 3500) U**
**ANGELO BUHAGIAR (KI.0913051M)**

***VERSUS***

**KUNSILL LOKALI MOSTA**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentata fit-13 t'April 2021 (a fol 1 et seq), is-socjeta attrici talbet lill-Kunsill konvenut sabiex ihallsu l-ammont ta' tmien mija erbgha u hamsin Ewro u erbgha u disghin centezmu (Eur 854.94) liema ammont jirraprezenta danni sofferti minn Angelo Buhagiar li huwa assikurat mas-socjeta attrici u li ghal tali danni ghamlet tajjeb in kwant ghal Eur 729.94 l-istess socjeta attrici u in kwantu ghal Eur 125 mill-attur Angelo Buhagiar, u dan in segwitu ta' incident illi sehh fis-7 ta' Frar 2016 fi Triq id-Difiza Civili Mosta meta waqt li Ryan Buhagiar kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni RYN 279 appartjanenti lil Angelo Buhagiar, saq ghal fuq hofra kbira illi kienet tinsab fl-imsemmija triq li ma kienetx vizibli. Bl-Ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Jannar 2021 u bl-imghaxijiet.

Ra illi l-kunsill lokali gie debitament notifikat fit-13 ta' Mejju 2021 (Fol.24) izda minkejja dan, l-istess Kunsill konvenut la ressaq risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas ma deher xi hadd in rapprezentanza tieghu jew xi difensur ghan-nom tieghu.

Ra illi ghaldaqstant dan it-Tribunal iddikjara fl-udjenza tat-30 ta' Gunju 2021 illi l-Kunsill tal-Mosta kien kontumaci.

Ra illi fl-istess udjenza gie pprezentat kapitolu fil-konfront tal-Kunsill Lokali Mosta.

Ra illi fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2021 minkejja li msejjah diversi drabi, l-Kunsill Lokali Mosta baqa ma deher l-ebda ufficcjal sabiex iwiegeb ghall-kapitolu.

Ra x-xhieda ta' PC36 Charles Azzopardi Refalo li ha r-rapport li sar fl-Ghassa tal-Mosta u pprezenta kopja tar-rapport. Ix-xhud qal li l-Pulizija ma jmorrux fuq il-post u li jaf li f'dak ix-xahar partikolari kellhom zewg incidenti fl-istess triq. Ix-xhud qal ukoll li huma dejjem jinfurmaw lil Transport Malta.

Ra x-xhieda ta' George Stagno Navarra, rapprezentant tas-socjeta attrici li pprezenta erbgha dokumenti li qal li l-vettura in kwistjoni "*kellha incident ghaliex kien hemm manhole miftuha*". Ix-xhud esebixxa l-polza ta' l-assikurazzjoni u r-rapport tas-survey kif ukoll il-kont tat-tiswijiet. Ix-xhud kompla jghid illi s-socjeta attrici kienet kitbet lil Transport Malta li irreferewom lil Kunsill Lokali Mosta.

Ra illi fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2022 xehed Brian Farrugia in rapprezentanza ta' l-Awtorita Ghat-Trasport fejn spjega li t-triq bl-isem ta' Difiza Civili ma tidhirx imnizzla bhala triq li taqa taht id-definizzjoni ta' triq arterjali u distributorja u ghalhekk ma taqax taht ir-responsabbilta ta' l-Awtorita. Din l-informazzjoni tohrog ukoll mill-iskeda tal-Kap.363 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra illi gie pprezentat affidavit ta' Maria Theresa Zahra in rapprezentanza ta' Infrastruttura Malta illi ikkonfermat illi t-triq imsemmija fejn sehh l-incident ma taqax taht il-mansjonijiet ta' l-agenzija u li taqa taht il-kunsill lokali.

Ra d-dokumenti prezentati a fol.74 sa 77 li juru li Triq id-Difiza Civili hija triq li giet diskussa fil-laqghat tal-Kunsill Lokali Mosta u li ghaldaqstant taqa taht ir-responsabbiltajiet ta' l-imsemmi Kunsill.

Ra illi fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2022 l-atturi ghalqu l-provi taghhom.

Ra l-atti processwali.

Sema t-trattazzjoni tad-difensur tas-socjeta attrici.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi l-Kunsill Lokali tal-Mosta kien gie dikjarat kontumaci stante illi gie debitament notifikat izda baqa ma dahhal risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenza sussegwenti.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din id-disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

Illi minkejja li l-kunsill konvenut naqas li jidher anke sabiex iwiegeb in subizzjoni, s-socjeta attrici ipproduciet diversi xhieda li ikkonfermaw l-incident anke permezz tad-dokumentazzjoni li pprezentaw. Mix-xhieda tar-rapprezentanti ta' Transport Malta u Infrastruttura Malta johrog car li din it-triq ma taqax taht ir-responsabbilta taghhom izda tal-kunsill lokali. Mill-minuti pprezentati bhala evidenza dokumentarja, jidher car ukoll illi l-Kunsill Lokali Mosta iddiskuta manutenzjoni ghal triq id-Difiza Civili I ghaldaqstant dan iwassal lil dan it-Tribunal sabiex jifhem u jaccerta ruhu illi din it-triq hija responsabbilta ta' l-istess Kunsill Lokali Mosta.

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' ix-xhieda, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba minghand is-socjeta konvenuta.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mis-socjeta attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici fil-konfront tal-Kunsill Lokali konvenut u konsegwentament jikkundanna lill-Kunsill Lokali Mosta ihallas l-ammont ta' tmien mija erbgha u hamsin Ewro u erbgha u disghin centezmu (Eur 854.94) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-13 t' April 2021 li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur